MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1784/1999/1

**Ang Angelo, Michael, Joseph u Carmelo sive Charles, ahwa Cassar; u Leo u Albert ahwa Vella.**

**vs.**

**Dr. Stefan Camilleri u l-P.L. Victor Bugeja li b'digriet tal-15 ta' Frar tal-1999 gew mahtura bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti minn Malta, Salvino sive Lino Galea, Angelo u Saviour sive Sam ahwa Vella, Doris Kennely, Gemma Seychell, Maria xebba Galea, Diego u Diane ahwa Galea u Gemma Mercieca.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Awissu 1999 a fol. 1 tal-process u pperezentata quddiem il-Qorti kif diversament

presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma ko-propjetarji flimkien mal-konvenuti, fi kwoti li jvarjaw, ta' l-art msejha "Tal-Mahsel" kwantu ghal porzjoni u "Tal-Girgenti" kwantu ghall-porzjoni l-ohra mill-istess art, li tinsab fil-kuntrada tar-Ramla ta' San Tumas, fil-limiti taz-Zejtun u Marsaskala, kif soggetta ghar-rata taghha ta' cens annwu u perpetwu ta' lira Maltija u hamsa u sebghin centezimu (Lm1.75), u tas-sub dirett dominju perpetwu, tal-valur ta' hames liri Maltin (Lm5) fuq parti mill-istess ghalqa li kienet giet koncessa lil terzi;

Illi din l-art tikonsisti f'arja mhux mibnija hlief ghal sebghat ikmamar mibnija fuqha, wahda minnhom imgarrfa.

Illi l-atturi ilhom is-snin jinterpellaw lill-ko-propjetarji l-ohra hawn konvenuti sabiex jersqu ghal divizjoni bonarja tal-propjeta` bejniethom indiviza;

Illi l-konvenuti dejjem naqsu li jersqu jew li jaccettaw kwalsijasi proposta bonarja li saret mill-atturi u l-partijiet ghadhom sallum f'sitwazzjoni ta' ko-propjeta`, li ma jridux jibqghu fiha;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tillikwida l-assi li l-partijiet jippossjedu flimkien *okkorrendo* permezz ta' periti nominandi.

2. Tistabbilixxi l-kwota appartenenti lill-partijiet ko-dividendi;

3. Tassenja lill-partijiet dik il-kwota hekk lilhom likwidata u lilhom spettanti, fejn dan huwa hekk komodament possibbli;

4. Tordna l-licitazzjoni tal-propjeta` in komuni;

5. Tordna l-pubblikazzjoni tad-divizzjoni hekk likwidata bejn il-partijiet permezz ta' att pubbliku;

6. Tinnomina l-kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci u jekk ikun opportun, in-Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt ta' divizjoni relattiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti kif jidhru minn fol. 4 sa fol 76 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata fit-18 ta' Novembru 1999 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo biex tinstema' fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dottor Stefan Camilleri u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi deputati ta' l-assenti Salvino *sive* Lino Galea, Angelo u Saviour *sive* Sam ahwa Vella u lil Doris Kennely, datata 11 ta' Frar 2000 a fol 81 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi huma mhumiex dedotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol 81 tal-process.

Rat il l-konvenuti Diego u Diane Galea, Maria Galea, u Gemma Mercieca gew debitament notifikati fid-19 ta' Mejju 2000 kif jidher mir-riferti kollha relattivi *a tergo* ta' fol. 92 tal-process u ma gew pprezentati l-ebda nota ta' eccezzjonijiet fil-konfront taghhom u b'hekk huma kontumacji.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tad-9 ta' Marzu 2000 (fol 83) u dik tas-27 ta' April 2000. Iz-zewg kawzi gew differiti ghan-notifika ta' diversi konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Gemma Seychell datata 29 ta' Mejju 2000 a fol 86 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Fl-ewwel lok l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom u d-drittijiet li huma jallegaw li ghandhom fuq il-proprjeta` msemmija fic-citazzjoni, u jekk dawn ipprevenewx lilhom "*causa mortis"* jew *"inter vivos".*

2. Fit-tieni lok, jekk id-drittijiet vantata huma *"causa mortis"* ghandhom jipprovaw bl-apposita dikjarazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi l-hlas tat-taxxi tas-successjonijiet jinsab sodisfatt.

3. Fit-tielet lok l-atturi ghandhom jikkonfermaw illi l-porprejta` minnhom imsemmija, jekk formanti parti minn *credita*`, hi l-unika wahda li trid tigi diviza u ma hemmx proprjetajiet ohra ereditarji li ghandhom illikwidi u ndivizivi.

4. F'kull kaz l-atturi jridu huma jistabbilixxu l-kwoti li kull wiehed mill-kondividenti ghandu mill-beni *de quo* in kwantu l-Qorti tista' biss tikkonferma dawn l-istess kwoti u mhux ukoll tistabbilihom.

5. F'kull kaz l-atturi jridu jistabbilixxu l-provenjenza tal-proprjeta`, u jekk din kinetx ta' xi komunjoni jew partikulari.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuta, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 87 u 91 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tat-3 ta' Novembru 2000 (fol 93) fejn deher l-attur assistit minn Dr. Thomas Abela, Gemma Seychell u Gemma Mercieca assistita minn Dr.Philip Sciberras. Dr. Thomas Abela talab differiment mhux oppost biex jirregola ruhu u l-kawza giet differita ghas-16 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal ta’ l-access li sar quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fis-26 ta’ April 2001 fuq il-post in kwistjoni fil-presenza tar-rapprezentant (Mr. Jeffrey Hughes) ta’ wiehed mill-atturi, kif ukoll Mrs.Gemma Seychell assistita minn zewgha. Il-Perit Tekniku wara l-inkontru li sar hdejn l-Ghassa tal-Pulizija go Marsascala gie mehud fuq il-fond in kwistjoni li jintlahaq u ghandu faccata fuq Triq il-Gidwit, kif ukoll minn xatba tal-hadid go Triq is-Skit, Marsascala. Il-fond li jikkonsisti f’numru ta’ kmamar u entratura ghandu estenzjoni ta’ art warjahom. Il-Perit Tekniku gie nfurmat li l-kmamar jinsabu f’idejn Charles Cassar, Angelo Cassar, Censu Bugeja, Grezzju Cassar u Michael Cassar, waqt li hemm tnejn, wahda mgarfa u l-ohra f’idejn xi nkwilin. Ingabru l-qisien ta’ l-estenzjoni tal-fond li skond ic-citazzjoni huwa maghruf ukoll bhala porzjoni minnu “Tal-Mahsel” u porzjoni ohra “Tal-Girgenti”. Wara li ghamel dan, il-Perit Tekniku ghalaq l-access.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tas-16 ta’ Jannar 2001 a fol 95 fejn deher Dr. Thomas Abela ghall-atturi, il-kuratur deputat u Dr.Philip Sciberras ghall-konvenuti Seychell u Mercieca. Il-partijiet infurmaw lill-Qorti li kien hemm possibbilta` ta’ ftehim bonarju pero` talbu lill-Qorti biex tinnomina Perit Tekniku fin-nuqqas li din issehh. Il-Qorti nnominat lill-Perit Jaccarini ghal dan l-iskop u l-kawza giet differita ghall-4 ta’ Lulju 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta tat-2 ta’ Lulju 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-31 ta’ Ottubru 2001.

Rat in-nota tal-kuratur datata 31 ta’ Ottubru 2001 a fol 97 tal-process li permezz taghha esebixxa kopja ta’ tlett ittri datati 24 ta’ Frar 2000 (fol 98), 16 ta’ Jannar 2001 (fol 99), u 28 ta’ Awissu 2001 (fol 100) rispettivament, u ddikjara illi sad-data tal-prezentata ta’ din in-nota huwa ma gie kkuntattjat b’ebda mod mill-persuni rapprezentati minnu.

Rat in-nota ta’ l-atturi datata 31 ta’ Ottubru 2001 a fol 101 tal-process li permezz taghha pprezentaw skeda

aggornata ta’ l-ishma tal-proprejta` li ntalbet id-divizzjoni taghha.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tal-31 ta’ Ottubru 2001 a fol 103 tal-process. Prezenti kien hemm Dr.Thomas Abela ghall-atturi, li diversi minnhom kienu prezenti, u l-kuratur deputat Dr.Stefan Camilleri li pprezenta nota. Dr. Thomas Abela nforma lill-Qorti li kien ghad hemm possibbilta` ta’ ftehim bonarju. Il-kawza giet differita ghal-15 ta’ Frar 2002; rat l-avviz tal-Qorti tal-15 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghall-24 ta’ April 2002.

Rat l-avvizi tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-24 ta’ April 2002 u tat-3 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-6 ta’ Gunju 2002; u l-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Thomas Abela ghall-attur u Dr. Philip Sciberras ghall-konvenuti li nformaw il-Qorti illi l-partijiet qed jesploraw il-possibbilta` ta’ transazzjoni. Il-Qorti osservat illi ghalkemm din il-kawza giet assenjata lilha, il-process ma giex mibghut lilha u ordnat tfittxija ghall-istess. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Novembru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-15 ta’ Novembru 2002 (fol 108) fejn deher Dr.Thomas Abela ghall-atturi u Dr.Paul Lia ghall-konvenuti. Id-difensuri nformaw lill-Qorti li kien hemm trattattivi bi skop tajjeb ta’ ezitu pozittiv ghall-probabbli transazzjoni. Il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Frar 2003; tal-14 ta’ Frar 2003 (fol 109) fejn deher Dr. Pawlu Lia ghall-konvenut u nforma lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx. Il-Qorti ordnat lill-Perit Tekniku jkompli bl-inkarigu tieghu u l-kawza giet differita ghat-30 ta’ April 2003 ghar-rapport; tat-30 ta’ April 2003; tal-10 ta’ Gunju 2003; tas-7 ta’ Ottubru 2003; tal-14 ta’ Jannar 2004; tal-5 ta Marzu 2004; tal-21 ta’ Mejju 2004; tas-6 ta’ Ottubru 2004 (fol 116) fejn Dr.Thomas Abela ghall-atturi nforma l-Qorti li l-

kawza ghandha tigi tranzatta. Il-Qorti ordnat lill-Perit Jaccarini sabiex jirritorna l-inkartament. Il-kawza giet differita ghal probabbli cessjoni ghall-5 Novembru 2004; tal-5 ta’ Novembru 2004 (fol 117) fejn deher Dr.Thomas Abela ghall-atturi. Il-Qorti, b’riferenza ghal ordni moghtija lill-Perit fis-6 ta’ Ottubru 2004 irrilevat li l-Perit ghadu ma rritornax l-inkartament u ghalhekk sabitu hati ta’ disprezz lejn l-Awtorita` taghha u kkundannatu Lm20 amenda u regghet ordnat lill-istess perit sabiex jirritorna l-inkartament. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Dicembru 2004; tas-7 ta’ Dicembru 2004; tal-15 ta’ Frar 2005; u tal-5 ta’ April 2005.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata 26 ta’ April 2005 iffirmata mill-Avukat Dr. Stefan Camilleri bhala kuratur deputat ghall-assenti; Dr. Thomas Abela ghall-atturi u Dr. Paul Lia li ffirma li jidher “ghall-konvenuti” kollox kif jidher a fol. 121 tal-process li biha ghall-fini ta’ tassazzjoni ddikjaraw illi l-valur tal-propjeta` in divizjoni ma jeccedix l-erbghin elf lira Maltin (Lm40,000).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-15 ta’ Gunju 2005 (fol 122) fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Novembru 2005 minhabba li l-Qorti kienet indisposta; tat-2 Novembru 2005 (fol 124) fejn deher il-kuratur Dr. Stefan Camilleri u Dr.Thomas Abela ghall-atturi li pprezenta nota ta’ cessjoni (fol 123) limitatament ghal meritu u sabiex tibqa’ ferma fuq il-kap ta’ l-ispejjes; rat l-ordni tal-Qorti tas-7 ta’ Dicembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Dicembru 2005 minhabba li l-Qorti kienet indisposta.

Rat in-nota ta’ cessjoni ta’ l-atturi datata 2 ta’ Novembru 2005 a fol. 123 tal-process fejn bl-istess nota, iffirmata minn Dr. Thomas Abela, l-istess atturi cedew l-atti tal-kawza u zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 16 ta’ Frar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tas-27 ta’ April 2006 a fol 127 tal-process fejn deher Dr.Thomas Abela ghall-atturi u

Dr. Stefan Camilleri bhala kuratur. Dr.Pawlu Lia u l-konvenuta Gemma Seychell issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr.Thomas Abela tratta l-kaz u pprezenta nota ta' referenzi u Dr. Stefan Camilleri irrimetta ruhu ghall-atti tal-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett' ostakolu fuq il-kap ta' l-ispejjes ghall-10 ta' Ottubru 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza bejn l-atturi li kienu ko-propjetarji flimkien mal-konvenuti, fi kwoti li jvarjaw, ta' l-art msejha "Tal- Mahsel" kwantu ghal porzjoni u "Tal-Girgenti" kwantu ghall-porzjoni l-ohra mill-istess art, li tinsab fil-kuntrada tar-Ramla ta' San Tumas, fil-limiti taz-Zejtun u Marsaskala, kif soggetta ghar-rata taghha ta' cens annwu u perpetwu ta' lira Maltija u hamsa u sebghin centezimu (Lm1.75), u tas-sub dirett dominju perpetwu, tal-valur ta' hames liri Maltin (Lm5) fuq parti mill-istess ghalqa li kienet giet koncessa lil terzi u fuq liema art ma kien hemm ebda bini hlief ghal sebghat ikmamar mibnija fuqha, wahda minnhom imgarrfa, u fejn ghal xi raguni jew ohra l-ko-proprejatrji ma waslux ghad-divizzjoni ta' l-istess u ghalhekk it-talbiet kienu sabiex jigi dikjarat li l-istess art kienet l-unika proprjeta' li l-partijiet kellhom in komun, talba sabiex jigu stabbiliti l-porzjonijiet indikati, u jekk hija komodament divizzibbli kull parti tigi assenjata l-porzjoni diviza taghha u f'dan il-kaz jigi ppubblikat kuntratt relattiv; fin-nuqqas li tali art tigi ddikjarata li ma hijiex komodament divizzibbli, allura ssir il-licitazzjoni ta' l-istess b'dan li kull parti tiehu s-sehem taghha.

Illi l-konvenuti assenti Salvino sive Lino Galea, Angelo u Saviour sive Sam ahwa Vella, u Doris Kennely tramite l-kuratur deputat ma resqu ebda oggezzjoni ta' soljev, u l-istess jista' jinghad ghall-konvenuti Gemma Mercieca, Maria xebba Galea, u Diego u Diane ahwa Galea li fil-fatt baqghu kontumaci, u ghalkemm il-kontumacja hija

opposizzjoni, ma gabu l-ebda eccezzjoni jew prova kontra l-pretensjonijiet u l-provi attrici.

Illi l-unika konvenuta li pprezentat eccezzjonijiet kienet l-konvenuta Gemma Seychell u din dwar il-mertu tal-kaz, u partikolarment dwar t-titolu u l-kwoti ta' l-atturi u l-ko-proprjetarji. In verita' pero' kienu l-atturi biss li resqu provi dwar l-istess permezz ta' diversi dokumenti annessi mac-citazzjoni attrici, inkluzi pjanti, kuntratti ta' akkwist ta' l-istess immobbli, diversi ricerki testamentarji, testmenti, u denunzji li jinsabu fl-atti processwali esebiti bhala Dok. "A" sa Dok. "Q" mac-citazzjoni attrici minn fol. 76 tal-process, liema provi mhux biss bl-ebda mod ma gew kontestati jew kontradetti minn xi provi mill-konvenuti, (inkluza l-imsemmija Gemma Seychell, li hija l-unika eredi ta' Grezzju Cassar li miet fil-25 ta' Ottubru 1991 u li t-testment tieghu tat-18 ta' Ottubru 1983, li gie esebit mill-istess eredi konvenuta a fol. 89 tal-process), izda wara li l-istess art giet konstatata permezz ta' access mizmum mill-Perit Tekniku Joseph M. Jaccarini, kif jidher mill-verbal ta' l-istess datat 26 ta' April 2001, gew ukoll permezz ta' Dok. "AC 31/11" esebit a fol. 102 tal-process, indikat kif tasal ghall-prozjonijiet ta' kull parti fil-kawzi u fil-fatt gie esebit elenku li jikkontjeni l-provenjenza u wkoll il-kwoti rispettivi tal-partijiet fil-kawza fl-istess art u ghal dak li huwa relevanti ghall-ispejjez ta' din il-kawza jidher li l-konvenuta Gemma Mercieca kellha kwota ta' parti minn mija u ghoxrin parti (1/200); Maria xebba Galea, Doris Kennelly, Salvino sive Lino Galea wahda minn mija u erbgha u erbghin parti (1/144) kull wiehed u wahda minnhom; Angelo u Saviour u Sam sive Sam ahwa Vella parti wahda minn mija u ghoxrin parti (1/120) kull wiehed; Gemma Seychell hames parti minn sitta u disghin wahda (5/96) u Diego u Diane ahwa Galea parti wahda minn tmienja u erbghin bicca (1/48) kull wiehed u wahda minnhom, mentri l-atturi ghandhom il-kumplament tal-partijiet u allura l-porzjoni l-ohra wara li jitnaqqsu l-istess porzjonijiet hawn indikati tal-konvenuti.

Illi issa l-mertu tal-kawza giet cedut ghaliex l-partijiet jidher li wasslu fi ftehim dwar il-mertu tal-kawza u fil-fatt l-avukat ta' l-atturi, l-avukat bhala kuratur deputat, u l-avukat Dr.

Paul Lia li ffirma in-nota tas-26 ta’ April 2005 *“ghall-konvenuti”* jidher li kkonfermaw li l-partijiet itterminaw il-pendenzi kollha ta’ bejniethom u qablu anke dwar il-valur ta’ l-art mertu tal-kawza odjerna u fil-fatt iddikjaraw valur li skond huma *“ma jeccedix l-erbghin elf lira maltin”* kollox kif jidher a fol. 121 tal-process.

Illi fil-fatt l-atturi permezz ta’ nota ta’ cessjoni datata 2 ta’ Novembru 2005 (fol. 123) cedew l-atti tal-kawza u zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez, u fl-isfond tal-premess din il-Qorti thoss li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqassmu skond il-porzjoni taghhom rispettivi fl-istess art mertu tal-kawza odjerna u skond kif hawn indikat u dan anke abbazi ta’ l-insenjamenti ta’ dawn il-Qrati nkluzi dawk fl-ismijiet **“Frank Bonello et vs Julian Bonello et”** (P.A. (RCP) - 28 ta’ Frar 2002); **“Victor Camenzuli et vs Anthony Camilleri et”** (P.A. (RCP) - 31 ta’ Jannar 2001); u aktar ricenti fid-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Constantino Muscat proprio et nomine vs Nazzareno sive Reno u Anna Muscat et”** (A.C. (VDG) (JDC) JAF) l-1 ta’ Ottubru 2004 fejn inghad li r-regola normali hija li l-ispejjez gudizzjarji jithallsu minn dik li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell iddiskriviet bhala l-parti sokkombenti, xorta hemm sitwazzjonijiet li skond l-istess Onorabbli Qorti ta’ l-Appell *“huma tali li jissugerrixxu spartizzjoni ta’ l-ispejjez jew adirittura jimmeritaw kapovolgiment ta’ din ir-regola …………Fi kliem iehor, il-Qorti ghandha dejjem id-diskrezzjoni finali li tiggudika hi dwar il-kap ta’ l-ispejjez skond il-fattispecie u l-implikazzjonijiet legali ta’ kull gudikat”.*

Illi hekk gara f’kazijiet fuq indikati decizi minn din il-Qorti kif kostitwita f’kazijiet ta’ likwidazzjoni u divizzjoni ta’ proprjeta’ u kazijiet simili u dan huwa konfortat mill-insenjament, anke ricenti ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Victor Debrincat et vs Maria Cassar et”** (A.C. (VDG) (JDC) (JAF) – 25 ta’ Frar 2005) fejn gie kkonfermat il-principju *“li ghalkemm in linja generali il-mod kif jithallsu l-ispejjez gudizzjarji huwa regolat bl-artikoli 223 u 225 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan li normalment kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lill-parti telliefa ghall-ispejjez”,* izda *“f’kawza ta’ divizjoni bhax-xorta*

*in ezami, ma jistax jinghad li hemm parti telliefa u ohra rebbieha ghas-semplici raguni li l-qasma tal-beni tkun saret* (f'dan il-kaz zgur intalbet) *skond il-ligi u dan fl-interess ta' kulhadd………Ghandu fl-ahharnett jigi rilevat li f'kawzi ta' din ix-xorta l-ispartazzjoni tal-kap ta' l-ispejjez dejjem segwiet dan il-binarju kif imsemmi …….".*

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz dan il-principju dwar il-kap ta' l-ispejjez ghandu jigi kkonfermat u l-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jigi sewgiet b'dan li l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu bejn il-kontendenti kull parti skond is-sehem jew porzjoni taghha mill-istess art deskritta u mertu tac-citazzjoni attrici u fuq indikat f'din is-sentenza, anke abbazi ta' l-unici provi prodotti mill-atturi.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu tat-talbiet attrici, *stante* li l-istess talbiet attrici gew ceduti permezz ta' nota pprezentata mill-atturi fejn appuntu cedew l-atti tal-kawza, b'dan pero' li zammew ferm il-kap ta' l-ispejjez, **dwar il-kap ta' l-ispejjez tiddeciedi li l-istess spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu bejn il-kontendenti kull parti skond is-sehem jew porzjoni taghha mill-istess art deskritta u mertu tac-citazzjoni attrici u kif fuq indikat f'din is-sentenza u skond il-kwoti allura fuq indikati f'din id-decizjoni.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------